**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma llum 19 ta' Gunju 2018.**

**Rikors Numru: 93/2018 CSH**

**Miller Distributors Ltd (C 344)**

**vs**

**Lara Baldacchino**

**Illum 19 ta' Gunju, 2018**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-17 ta' April, 2018 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna l-konvenuta thallas lilha l-ammont ta' disa t'elef, disa' mija u erba' u tmenin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€9,984.73) rapprezentanti valur ta' merkanzija tas-socjeta' attrici li hi appropjat ruhha minnha, kif ukoll flus u diversi oggetti ohra li serqet minghandha fiz-zmien li fih hi kienet impjegata ma' l-istess socjeta', u dan b'ammissjoni taghha stess fil-proceduri li gew istitwiti mill-pulizija kontra l-istess fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Gudikatura Kriminali, quddiem il-Magistrat Dr. Anthony G. Vella deciza nhar it-12 ta' Jannar, 2017, kopja legali ta' l-istess hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A', bl-ammont pretiz qieghed jigi spjegat

f'elenku li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok B' liema elenku jispjega l-komputazzjoni tal-ammont hawn fuq indikat .

Bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi fl-24 ta' Mejju, 2018 dehret Dr. Marion Camilleri li talbet zmien sabiex tipprezenta r-risposta tal-konvenuta u l-Qorti akkordatilha zmien gimgha minn dak in-nhar tas-seduta.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Gunju, 2018 il-konvenuta u l-avukat taghha ma dehrux u l-avukat tas-socjeta' attrici talab lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tiddikjara li l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici u ghalhekk qed tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef, disa' mija u erba' u tmenin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€9,984.73) ghar ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kontra l-konvenuta u bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.

Dr. Consuelo Scerri Herrera
Magistrat

Deputat Registratur